# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar il-Tnejn, 31 ta' Mejju 1999

**Numru 6**

**Citaz. numru 2106/95 DS**

**Tabib Principali tal-Gvern**
**vs**
**Anthony Calleja**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Dicembru 1995 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi:

Fil-21 ta' April 1995 ghall-habta tat-8.20 ta' filghodu f'Notabile Road, Attard, waqt li Anthony Gilson, impjegat ta' l-attur, kien fuq xoghol isuq il-vettura tal-marka Seat Terra propjeta ta' l-attur li ggib in-numru tar-registrazzjoni M-2339, huwa safa milqut mill-vettura li ggib in-numru ta' registrazzjoni F-7338, misjuqa mill-konvenut;

Per konsegwenza ta' dan l-attur sofra danni sostanzjali fl-imsemmija vettura ammontanti ghal cirka hames mitt lira Maltija (Lm500);

Dan l-incident gara tort unikament tal-konvenut minhabba in-nuqqas ta' hsieb, traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku da parti tieghu meta b'sewqan perikoluz u b'velocita' ezagerata huwa issorpassa vettura li kellu quddiemu, hareg mill-karreggata tieghu, invada l-karreggata opposta u investa lil Anthony Gilson li kien qed isuq l-imsemmija vettura;

Ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat biex jghamel tajjeb ghad-danni minnu kagunati fil-vettura propjeta' ta' l-attur, dan baqa' inadempjenti;

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-kollizjoni msemmija u tad-danni kollha sofferti mill-attur kagun ta' l-istess kollizjoni

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'rizultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) jew somma ohra verjuri okkorrendo b'opra ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Awissu 1995, inkluzi ukoll l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika taghha kontra l-konvenut li jibqa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident mertu ta' din il-kawza ma garax tort ta' l-eccipjent izda tort u htija ta' Anthony Gilson, l-impjegat ta' l-attur u driver tal-vettura numru M-2339.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet “Annunziato sive Lany Calleja vs Anthony Gilson” (Citaz. Nru. 1437/95);

Ikkunsidrat illi:

Il-kawza fuq citata giet deciza llum stess. Dik il-kawza tirreferi ghall-istess incident mertu ta’ din il-kawza. Il-partijiet huma differenti peress li

l-attur f'din il-kawza huwa l-proprjetarju tal-vettura li kienet qed tinsaq minn Anthony Gilson, konvenut fil-kawza Citaz. Nru. 1437/95, filwaqt li l-konvenut f'din il-kawza huwa iben l-attur fil-kawza msemmija Citaz. Nru. 1437/95 u li kien qed isuq il-karrozza ta' missieru meta kien involut fl-incident in kwistjoni.

Fil-kawza Citaz. Nru. 1437/95 li dwarha nghatat sentenza llum stess, gie deciz li responsabbli ghall-incident kien Anthony Gilson, konvenut f'dik il-kawza u l-impjegat ta' l-attur f'din il-kawza.

Il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, qed taghmel referenza ghas-sentenza taghha moghtija llum stess u ghar-ragunijiet hemm moghtija tiddetermina n-nuqqas ta' responsabilta' tal-konvenut ghall-incident in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Grazio Galea
D/Registratur